**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 369/2017 CFF**

**J. Lautier Co. Limited**
**Vs**
**Eleno Caruana**

**Illum 6 ta' Marzu, 2018**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-socjeta' rikorrenti fejn esponiet:

Illi s-socjeta' esponenti hija l-kreditrici tal-intimat fl-ammont ta' hamest elef, sitt mija erbgha u erbghin Ewro u tlettax-il centezmu (€5,644.13) u dan stante l-ittra ufficjali odjerna mahruga ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ittra ma gietx ikkontestata mill-intimat (liema ittra u kambjala qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala dok "A").

Illi kontestwalment mal-prezenti, l-esponenti ssottomettew talba ghal ravvivament tal-ittra ufficjali Numru 4770/2010 ghall-ammont ta' sitt elef u erbgha u disghin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€6,094.46) kif hemm indikat stante kambjali mhux onorati. Illi b'hekk, is-socjeta' esponenti hija l-kreditrici tal-intimat fl-ammont komplessiv ta' hdax-il elf seba' mija, tmienja u tletin Euro, disgha u hamsin-il Euro centezmi (€11,738.59).

Illi sal-gurnata tal-prezenti huwa naqas milli jonora l-obbligi tieghu naxxenti mill-imsemmija kambjali u b'hekk il-kreditu ghadu dovut fl-intier tieghu;

Illi tul dawn id-diversi snin, kemm l-esponenti kif ukoll l-intimat iddiskutew u sahansitra ftehmu dwar il-pagament tal-imsemmija kambjali u s-socjeta' esponenti hadet pacenzja kbira minhabba l-qaghda finanzjarja tal-istess intimat. Illi madanakollu, sal-gurnata tal-prezenti ma mmaterjalizza ebda pagament da part ital-intimat u dank if jirrizulta mid-dikjarazzjoni guramentata hawn annessa u mmarkata dok "JL1";

Illi sfortunatament ghaddew aktar minn hames snin minn meta l-istess kambjali setghu jigu ezegwiti ai termini tal-ligi;

Illi s-socjeta' esponenti tirrileva illi hija ghad ghandha interess illi tesegwixxi tali kambjali.

Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti illi jigu ravvivati d-drittijiet tas-socjeta' esponenti kontra l-intimat, ai termini ta' l-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk il-kreditu jerga' jsir ezekuttiv skond il-ligi u jkun jista' jigi ezegwit kontra l-intimat, dan taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi.

Illi Joseph Lautier li ghandu l-karta t'identita' numru 1057545M debitament rapprezentant u awtorizzat mis-socjeta' J. Lautier Co. Limited, bil-gurament tieghu jikkonferma l-fatti hawn imsemmija.

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2017 l-intimat Eleno Caruana debitament notifikat fl-10 ta' Jannar, 2018 u msejjah tliet darbiet ma deherx u lanqas ipprezenta r-risposta.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti J. Lautier Co. Ltd u tawtorizza li jigu ravvivati d-drittijiet tas-socjeta' esponenti kontra l-intimat, ai termini

ta' l-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk il-kreditu jerga' jsir ezekuttiv skond il-ligi u jkun jista' jigi ezegwit kontra l-intimat.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**